SAN GILJAN

**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
*e*mail: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 48/K6/11

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 29/09/'11 277**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 29/09/'11 332**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis 29 ta' Settembru 2011.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fit-3.30 p.m.

1.03 Preżenti: Is-Sindku Peter Bonello
Il-Viċi-Sindku Richard Scicluna
Il-Kunsillier Ronald Agius
Il-Kunsillier Edgar Montanaro
Il-Kunsillier Raymond Cachia
Il-Kunsilliera Irene Borg
Il-Kunsillier Norman Vella
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Cher Carmen Fenech.

1.04 Preżenza tal-Pubbliku:- (0).

1.05 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

## 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fl-23 ta' Settembru 2011. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Tender - Manutenzjoni fil-Binjiet tal-Gvern
4. Skema ta' Finanzjament għal Titjib fil-Playing Fields Eżistenti (Memo 66/2011)
5. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet
6. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

## 1.3 Approvazzjoni ta' Minuti

### Minuti - Kunsill

1.3.01 Iċ-Chairman ressaq il-Minuti 47/K6/11 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 47/K6/11.

1.3.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

### Minuti - Kumitat Amministrattiv

1.3.05 Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti 13/KA1/11 u 14/KA1/11 tal-Kumitat Amministrattiv (Ara Appendiċi 'A' u 'B' rispettivament).

## 2 Korrispondenza

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman. Dawn huma:-

**Rif. Nru. Korrispondenza**

| | |
|---|---|
| 4371 | Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Memo 70/2011 – Ħlasijiet ta' dokumenti dwar offerti. |
| 4467 | Email mingħand l-Uffiċju tal-Prim Ministru rigward il-ħasil tal-ħajt ta' Villa Rosa fix-Xatt ta' San Ġorġ. |
| 4493,5167 & 5331 | Emails mingħand Econing rigward il-*Covenant of Mayors – Feedback* għas-*SEAP* |
| 4546 | Ittra mingħand il-Bank of Valletta rigward il-propjeta tal-Kunsill Lokali San Ġiljan u l-4 *car lock up garage* fi Triq Forrest, San Ġiljan. |
| 4724 | Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Memo 78/2011 – Sistema ta' Infurzar – Kuntratti. |
| P434, K986, 4873, K1138 & 5258 | Email mingħand it-Transport Malta rigward Coaches weqfin jistennew fi Triq Ross. |
| 4941 | Ittra mingħand is-Soċjeta' Mużikali Spinola biex jittella' kunċert fi żmien il-Milied ġewwa l-Knisja Lapsi b'kollaborazzjoni mal-Kunsill. |
| 4946,K1031 4788 | Korrispondenza rigward ilmenti sabiex jiġu rranġati l-*Belisha Beacons* u l-*floodlights* fi Triq Birkirkara. |
| 4947& K1071 | Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-aċċessibilita' aħjar għal kulħadd in-naħa tal-Cavallieri Hotel, f'Xatt is-Sajjieda – UIF Funds. |
| 4965 | Email mingħand l-Awtorita' tad-Djar rigward ittra mingħand is-*CEO*. |
| 4974 | Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Memo 84/2011 – It-Tħaris tal-Ordnijiet Permanenti waqt il Laqgħa tal-Kunsill. |
| 5013 & 5174 | Ittra mingħand DeMicoli & Associates rigward żvilupp fi Triq Lapsi u  Triq Mikiel Angelo Borg San Ġiljan. |

5173 Email mingħand is-Sur David Soler rigward ir-rapport tal-kontravenzjonijiet – San Ġiljan u Paceville.

5217 Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Memo 87/2011 – Skema ta' finanzjament ta' Proġetti Speċjali 2011.

K701,3410, 4017, K859, 4858&K1167 Korrispondenza mal-MEPA rigward area hdejn il-konteNituri reċikklabli fi Triq Ta' Ġiorni.

5239&K1142 Korrispondenza rigward Memo 24/2009 : Scheme for better accessibility within the locality.

5263 Email mingħand l-Uffiċċju tal-Prim Ministru rigward Memo 89/2011 – Attivitajiet fil-lokalitajiet b'risq il-Malta Community Chest Fund.

5316 Stima mingħand l-MP&DC rigward Triq il-Palm.

5411 Ittra mingħand is-Sur Raymond Attard rigward il-Latrini Pubbliċi ta' Spinola u Balluta.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. 4467

2.02 Saret riferenza għal e-mail mingħand l-Uffiċju tal-Prim Ministru rigward il-ħasil tal-ħajt ta' Villa Rosa fix-Xatt ta' San Ġorġ. Iċ-Chairman informa lill-amministrazzjoni biex il-kuntrattur jindirizza l-fattura lis-Sur Charles Bonello u tintbagħat lill-EUC.

2.03 Il-Kunsilliera Irene Borg waslet fl-3.40 p.m.

Rif. Nru. 4546

2.04 Saret riferenza għall-ittra mingħand il-Bank of Valletta rigward il-propjeta' tal-Kunsill Lokali San Ġiljan u l-4 *car lock up garage* fi Triq Forrest, San Giljan. Ġie deċiż unanimament li tintbagħat kopja tal-polza ta' l-assigurazzjoni li tkopri l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Rif. Nru. 4941

2.05 Saret riferenza għall-ittra mingħand is-Soċjeta' Mużikali Spinola dwar talba biex jittella' kunċert fi żmien il-Milied ġewwa l-Knisja Lapsi b'kollaborazzjoni mal-Kunsill. Ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jikteb lill-Green Mt sabiex is-Soċjeta' Mużikali Spinola tingħata sponsor ta' €500 taħt klawsola M "Kontribuzzjoni Ambjentali" tal-kuntratt li kien ġie iffirmat bejn il-Kunsill u l-Green Mt fid-9 ta' Awwissu 2010 biex tkun tista' tittella' din l-attivita'.

Rif. Nru. 4946

2.06 Saret riferenza għall-korrispondenza rigward ilmenti pendenti sabiex jiġu rranġati l-*Belisha Beacons* u l-*floodlights* fi Triq Birkirkara. Ġie deċiż unanimament illi ssir laqgħa maċ-Chief Executive Officer tal-Korporazzjoni Enemalta sabiex tigi diskussa l-materja dwar l-ilmenti kollha pendenti u jiġu nnotifikati l-Kunsillieri bid-data ta' din il-laqgħa.

Rif. Nru. 4947

2.07 B'riferenza għall-korrispondenza mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l- aċċessibilita' aħjar għal kulħadd in-naħa tal-Cavallieri Hotel, f'Xatt is-Sajjieda – UIF Funds ġie deċiż unanimament li tinħareġ sejħa għall-offerti.

Rif. Nru. 5013

2.08 Saret riferenza għall-ittra mingħand DeMicoli & Associates rigward żvilupp fi Triq Lapsi u Triq Mikiel Angelo Borg San Ġiljan.

2.09 Iċ-Chairman informa lill-Kunsill li minn informazzjoni li għandu dan il-proġett ser isir aktar l-isfel mill-iscouts. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament illi ssir laqgħa mal-Perit DeMicoli biex jispjega l-proġett li ser isir u jiġu nfurmati l-Kunsilliera u l-Perit Stephen Farrugia bid-data tal-laqgha sabiex ikunu preżenti.

Rif. Nru. 5239

2.10 Saret riferenza għall-Memo 24/2009 : *Scheme for better accessibility within the locality* . Ġie deċiż unanimament illi tintbagħat l-irċevuta tal-garanzija tal-MEPA u jiġu nfurmati li l-Kunsill m'ghandux il-finanzi biex ikompli l-proġett iżda għandu l-ħsieb li japplika għal aktar fondi permezz ta' Memo 87/2011.

Rif. Nru. 5316

2.11 Saret riferenza għall-istima li ntbagħtet mingħand MP&DC biex tiġi rranġata Triq il-Palm. Ġie deċiż unanimament li jagħmilha l-Kunsill għas-spejjez tiegħu peress li hemm periklu li jista' jweġġa' xi ħadd u tintbagħat ittra bl-avukat lil min kien responsabbli meta saru x-xogħolijiet ta' żvilupp fl-area biex jirrifondi l-ispejjez.

Rif. Nru. 5411

2.12 Saret riferenza għall-ittra mingħand is-Sur Raymond Attard rigward il-Latrini Pubbliċi ta' Spinola u Balluta. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament illi tintalab stima bla *labour* sabiex:-

- jinbidlu t-*toilets* imxaqqin;
- jinbidlu / jiġu rranġati dawk il-*flushings* li huma mxaqqin;
- jitpoġġew *toilet paper holders*;
- jitpoġġew *soap dispensers*.

## 3 Tender - Manutenzjoni fil-Binjiet tal-Gvern

3.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bl-iskeda u bl-evalwazzjoni tat-tender (Ara Appendiċi 'C').

3.02 Wara diskussjoni qasira u fuq rakkomandazzjoni tal-Perit tal-Kunsill, il-Kunsillier Ronald Agius ippropona li tingħażel l-offerta tas-Sur Manuel Colombo.

3.03 Il-Viċi-Sindku Richard Scicluna ssekondah.
3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**4 Skema ta' Finanzjament ghal Titjib fil-Playing Fields Eżistenti (Memo 66/2011)**

4.01 B'riferenza għall-iskema ta' Finanzjament ghal Titjib fil-Playing Fields Eżistenti (Memo 66/2011) il-Kunsill ġie ppreżentat bl-istejjem biex jiġi rranġat il-Kumpless Dun Anton Sciberras (Ara Appendiċi 'D').

4.02 Hawnhekk is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li minħabba l-fatt li l-istejjem biex jerġa jiġi rranġat il-kumpless huma ta' ammont konsiderabbli t-tender għat-tmexxija tal-kumpless Dun Anton Sciberras għadu ma nħariġtx.

4.03 Waqt din id-diskussjoni l-Kunsill ġie nfurmat bil-vandaliżmu kollu li qed isir fil-Kumpless Dun Anton Sciberras u fl-area ta' Ta' Giorni.

4.04 Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li l-puliżija ġiet nfurmata u li ġiet mitluba tagħmel aktar sorveljanza fl-area.

4.05 Wara diskussjoni ġie deċiz unanimament li:-

- tingħażel l-istima ta' €121,503 biex tiġi sottomessa l-applikazzjoni ta' Memo 66/2011;
- jinħareġ it-tender għat-tmexxija tal-Kumpless Dun Anton Sciberras u ssir klawsola li min jieħu t-tender, dan jibda jkun effettiv meta l-Kumpless ikun fi stat irranġat; Il-Kunsillier Edgar Montanaro ser jieħu ħsieb li tiġi rranġata din il-klawsola.
- Jekk il-Kunsill ma jingħatax il-finanzi permezz tal-Memo 66/2011 biex isiru x-xogħolijiet, il-Kunsill ser ikun kostrett li jagħlaq il-Kumpless jekk jirriżulta li dan ikun ta' periklu għall-pubbliku u jsiru t-tabelli neċessarji;

- l-Kunsilliera jiltaqgħu mal-AC Raymond Zammit u s-Supt. Stephen Gatt sabiex tiġi diskussja l-kwistjoni tal-vandaliżmu f' Ta' Ġiorni.

**5 Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet**

5.01 Iċ-Chairman ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'E').

5.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

5.03 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah.

5.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**6 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

6.01 Iċ-Chairman ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 3060 sa 3074 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'F').

6.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 3060 sa 3074.

6.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

6.05 Iċ-Chairman talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

6.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**7 Materji Oħra**

7.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li:-

- Is-Sindku ġie avviċinat mis-Segretarju Eżekuttiv dwar l-iskrivani Lindsay Grima u Marisa Micallef li

ilhom fil-massimu ta’ Skala 15 mis-sena 2007 u 2008 rispettivament, u l-iskrivana Connie Saliba, li għalkemm ilha mis-sena 2010 impjegata bħala part-timer fuq massimu ta’ Skala 15 kienet diġa mpjegata mal-Kunsill mis-sena 1999 sa 2006 fuq Skala 15. Is-Sindku kompla li wara li rajna l-A.L. 127/98 u peress li fil-laqgħa tas-Sindki li jmiss ser jiġi diskuss il-ftehim kollettiv tal-ħaddiema klerikali ser nikkunsidraw il-pożizzjoni tagħna wara dawn id-diskussjonijiet. Min-naħa tagħna ser isir minn kollox biex ma jintilifx ħin;

- Dwar l-attivita’ tal-Convenant of Mayors, is-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku mħux ser jattendu peress li jidher li din il-laqgħa mhux ser tilħaq l-għan mixtieq ;

- Ser isir transfer ta’ €40,000 mill-account tal-BOV għall-HSBC.

7.02 Ġie deċiż unanimament li:-

- Issir talba lis-Sur David Soler li l-Kunsill jixtieq jiġi nfurmat fejn ingħataw il-kontravenzjonijiet dawn l-aħħar sitt xhur f’San Ġiljan u f’Paceville;

- Issir laqgħa ma’ dawk li wieġbu għall-avviz ta’ l-organizzazzjoni ta’ l-attivitajiet (ara inc. 4412/11, 4492/11 u 4495/11) u jiġu nfurmati l-Kunsilliera;

- Jiġi nfurmat l-Avukat Stefano Filletti biex jibgħat ittra uffiċċjali lill-Korporazzjoni Enemalta rigward is-substation ta’ ħdejn il-Mirador Flats minħabba l-istorbju li ħiereġ minnha;

7.03 Iċ-Chairman għalaq il-laqgħa fil-6.15 pm.

**Peter Bonello** **Helen Walker**

**Sindku** **Segretarju Eżekuttiv**